Gozo NGOs Association

# STATUT TA' L-ASSOĊJAZZJONI TA' L-ORGANIZZAZJONIJIET MHUX GOVERNATTIVI GĦAWDXIN

Artikli Preliminari

1. Dan l-istatut għandu jissejjaħ l-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazjonijiet mhux Governattivi Għawdxin.

2. F'dan l-istatut, jekk il-kuntest ma jitlobx xort'oħra,

   a. "Organizzazzjoni mhux governattiva" (jew "NGO ") tfisser organizzazzjoni li taħdem biex issaħħaħ u tiżviluppa t-tessut soċjali f'Għawdex; tkun indipendenti minn kontroll governattiv dirett; ma tkunx affiljata ma' xi partit politiku; ma taħdimx bi skop ta' qliegħ finanzjarju jew kummerċjali u ma tużax mezzi kriminali jew b'xi mod vjolenti.
   b. "Grupp" ifisser kategorija ta' organizzazjonijiet li għandhom interessi jew għanijiet bħal ta' xulxin, bħal kultura, sport jew filantropija.
   c. "Membru" ifisser NGO li tkun ġiet aċċettata l-applikazzjoni tagħha mill-Kunsill skond il-kriterji f'dan l-istatut (ara ukoll *AnnexA*).
   d. "Kunsillier" ifisser persuna magħżula (b'elezzjoni jew mod ieħor) biex tagħmel parti mill-Kunsill.

Artikli Ġenerali

3. L-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazjonijiet mhux Governattivi Għawdxin hija Assoċjazzjoni 'umbrella' ta' tliet Gruppi jew aktar li flimkien jiġbru l-N.G.O.s li jaħdmu f'Għawdex.

4. L-isem uffiċjali hu **ASSOĊJAZZJONI TA' L-ORGANIZZAZJONIJIET MHUX GOVERNATTIVI GĦAWDXIN** (jew **GOZO NGOs ASSOCIATION)** iżda dan jista' jitqassar. Għall-konvenjenza, f'dan l-istatut tintuża l-kelma 'l-Assoċjazzjoni'.

5. Bħall-Membri tagħha, l-Assoċjazzjoni ma għandhiex skop ta' qligħ kummerċjali jew ta' politika partiġjana.

6. L-indirizz reġistrat ta' l-Assoċjazzjoni huwa attwalment iċ-Ċentru ta' l-Organizzazjonijiet mhux Governattivi (*NGO Centre*) ix-Xewkija. L-Assoċjazzjoni għandha għad-dispożizzjoni l-faċilitajiet u s-servizzi ta' l-*NGO Centre*.

7. L-għan prinċipali ta' l-Assoċjazzjoni huwa li jġib 'il quddiem u jinkoraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-NGOs f'Għawdex u li jippromwovi l-interessi tagħhom. L-Assoċjazzjoni tfittex li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni fost il-Membri tagħha u partikolarment billi:

   a. tħejji pjan ta' żvilupp għal Għawdex fl-oqsma li tirrappreżenta u twassal lill-awtoritajiet relattivi rakkomandazzjonijiet ta' miżuri li jkunu ta' benefiċċju għall-iżvilupp ta' Għawdex in ġenerali u

b. tirrapreżenta, kif mitluba, Gruppi u Membri f'diskussjonijiet ma' awtoritajiet governattivi ċentrali, reġjonali u lokali għat-titjib ta' aspetti soċjali ta' Għawdex li jikkonċernawhom. L-Assoċjazzjoni anki tirrapreżenta lill-NGOs fil-Kumitat Reġjonali tal-Proġetti għal Għawdex bil-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ġenerali ta' Għawdex.

Amministrazzjoni

8. Għandu jinħatar Kunsill biex imexxi l-Assoċjazzjoni u b'hekk jirrapreżenta 'l-NGOs Għawdxin.

9. 9.1 Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni (b'ħajja ta' tliet snin, minn Laqgħa Ġenerali Annwali għal oħra) għandu jkun magħmul minn minimu ta' ħames (5) Kunsilliera eletti minn fost l-NGOs membri, bil-kundizzjoni li jkun hemm almenu wieħed (u mhux iktar minn tnejn) minn kull Grupp li jinnomina. Iżda kwalunkwe NGO tista' tinnomina darba biss waqt l-istess LĠA.
9.2 Il-Kunsill kif elett jista' jikkooptja oħrajn – basta n-numru totali ta' kunsilliera ma jaqbisx il-ħdax (11) – biex ir-rappreżentanza tkun wiesgħa kemm jista' jkun.
9.3 Kunsilliera fl-aħħar taż-żmien tagħhom ma humiex esklużi milli jerġgħu jkunu fil-Kunsill.
9.4 Waqt ħidmiethom fil-Kunsill, dawn il-Kunsilliera ma għandhomx ifittxu l-interessi ta' l-NGO jew Grupp rispettivi a skapitu ta' dawk ta' l-Assoċjazzjoni jew tas-settur sħiħ.

10. Il-kunsilliera jagħżlu minn fosthom President, Segretarju u Teżorier iżda jistgħu jinħatru karigi oħra (inkluż Chief Executive). L-uffiċċjali kollha għandhom ikunu kunsillera.

11. Il-President għandu jippresjiedi l-laqgħat tal-Kunsill. Jista' jsejjaħ, jipposponi b'mhux aktar minn sebat ijiem jew jissospendi temporanjament il-laqgħat tal-Kunsill skond kif jidhirlu xieraq; għandu, madanakollu, iżomm in-numru minimu ta' laqgħat kif stabbilit f'dan l-istatut. Fl-assenza tiegħu (u tal-viċi president, jekk ikun il-każ), dawk preżenti jagħżlu minn fosthom min imexxi l-laqgħa.

12. Is-Segretarju għandu jżomm il-minuti u informazzjoni oħra dwar il-laqgħat kollha tal-Kunsill. Ikun responsabbli mill-korrispondenza, l-kuntatti u l-komunikazzjonijiet. F'konsultazzjoni mal-President, joħroġ l-aġenda tal-laqgħat u jibgħatha lill-kunsilliera almenu ġimgħa qabel.

13. Is-Segretarju għandu jipprepara rapport annwali ta' l-attivitatijet tal-Kunsill u jippreżentah fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

14. It-Teżorier għandu jżomm il-kontijiet tal-Kunsill (u ta' l-Assoċjazzjoni), u jippreżenta rendikont awditjat u rapport annwali fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

15. Jistgħu jinfetħu kontijiet f'isem l-Assoċjazzjoni f'banek jew f'istituzzjonijiet finanzjarji oħra, skond kif jiddeċiedi l-Kunsill. Il-firmatarji reġistrati jkunu l-President, is-Segretarju u t-Teżorier; iżda żewġ firem biss ikunu biżżejjed, jekk il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor.

16. Il-President u s-Segretarju (jew is-sostituti tagħhom kif deċiż mill-Kunsill) jirrappreżentaw 'l-Assoċjazzjoni għal finijiet legali. L-uffiċċjali tal-Kunsill flimkien għandhom responsabbilta' eżekuttiva fl-amministrazzjoni.

17. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mhux inqas minn tliet darbiet fis-sena. Il-laqgħat jissejħu mill-President iżda jistgħu jintalbu minn kunsilliera oħra (almenu 2) jew Membri (almenu 10).

18. Jekk, fil-ħin li kellha ssir laqgħa tal-Kunsill, ma jkunx hemm quorum ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-kunsilliera eliġibbli li jattendu, il-laqgħa tibda wara ħmistax-il minuta b'dawk preżenti. Waqt li ma hemmx quorum, ma jistgħux jittieħdu deċiżjonijiet dwar materji li ma jkunux fuq l-aġenda ta' dik il-laqgħa.

19. Il-Kunsill għandu jiddiskuti il-materji kollha f'atmosfera ta' ħbiberija u solidarjeta', filwaqt li jisħaq biex jittieħdu deċiżjonijiet bi ftehim. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, g]andu jittieħed vot fejn maġġoranza sempliċi tal-kunsilliera preżenti għal-laqgħa tkun deċisiva. Fil-każ li jkun hemm voti ndaqs, min ikun jippresjiedi jkollu l-*casting vote*.

20. Bla ma jfixkel l-awtonomija ta' l-NGOs rispettivi, il-Kunsill għandu:

a. jagħmilha ta' entita' koordinattiva bil-għan li jevita kunflitti ta' interess, duplikazzjoni ta' sforzi u ħela, hekk li r-riżorsi umani u materjali jitħaddmu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv;
b. jipprovdi mezz kontinwu ta' komunikazzjoni u jiffaċilita diskussjonijiet bejn l-NGOs;
c. jaħdem biex jipprovdi faċilitajiet bil-għan li jippromwovi l-attivitajiet tal-Membri;
d. jiġbor tagħrif u jżomm *database* tas-servizzi offruti mill-NGOs;
e. jikseb u jqassam riżorsi (inklużi fondi u apparat) għall-Membri;
f. jara x'inhuma l-bżonnijiet ta' l-NGOs, kif ukoll ta' individwi fil-volontarjat, bil-għan li jiġu stabbiliti prioritajiet u jiġi faċilitat il-ksib ta' riżorsi;
g. jagħti pariri u jipprovdi tagħlim lill-Membri;
h. jidħol f'ħidma li tippromwovi l-għanijiet ta' l-Assoċjazzjoni.

21 Il-Kunsill jista' jaħtar sotto-kumitati (*ad hoc* jew permanenti) kif jidhirlu xieraq. Dawn jistgħu jkunu komposti anki minn min mhux kunsillier. Sotto-kumitati eżistenti jispiċċaw mat-tmiem tat-terminu tal-Kunsill; madanakollu, Kunsill ġdid jista' jaħtarhom mill-ġdid.

22. Kunsillier fil-Kunsill għandu jieqaf milli jokkupa l-post tiegħu:

a) jekk jirriżenja permezz ta' ittra indirizzata lis-Segretarju;
b) jekk jonqos li jattendi għal tliet laqgħat konsekuttivi mingħajr raġuni li tiġġustifika l-assenza tiegħu;
c) jekk tkun approvata (bil-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-kunsilliera preżenti) riżoluzzjoni li titlob it-tneħħija tiegħu a bażi ta' inkapaċita' li jaqdi d-dmirijiet tiegħu jew minħabba mġieba ħażina;

d) jekk jitlef il-kwalifika tiegħu għax l-NGO li kienet nominatu ma tibqax Membru jew tavża lill-Kunsill li ma jkunx għadu fiha jew li (għal kwalunkwe raġuni) irtiratlu n-nomina - f'dawn il-każi ma jitlifx postu jekk jirċievi n-nomina minn Membru ieħor mill-istess Grupp.

23. F'każ ta' vakanza fost il-kunsilliera, jiġi magħżul (għall-kumplament tat-tliet snin) kunsillier ġdid mill-Membri fil-Grupp partikolari li minnu jkun oriġina l-kunsillier in-nieqes. Għall-prattiċita', il-Kunsill jista' jiddiċiedi li juża l-posta jew l-*Emails*. Jekk ikun hemm bżonn, tista' tintuża l-*co-option*.

24. Il-kunsilliera ma jirċevux ħlas għal ħidmiethom fl-Assoċjazzjoni iżda jkunu intitolati li jieħdu lura spejjeż in konnessjoni ma' dan.

<u>Laqgħat Ġenerali</u>

25. Il-Kunsill għandu jsejjaħ Laqgħa Ġenerali tal-Membri kollha fi żmien xahar wara tmiem is-sena. Jekk jħoss il-bżonn, jista' jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja. Din tissejjaħ ukoll mhux iktar minn xahar wara li almenu 10 Membri jitolbuha permezz ta' ittra sustanzjata lis-Segretarju. Il-Membri kurrenti kollha għandhom il-jedd ikollhom persuna waħda f'kull Laqgħa Ġenerali.

26. L-Aġenda għal kwalunkwe Laqgħa Ġenerali trid tintbagħat lill-Membri almenu ġimgħa qabel. Jekk il-Laqgħa tkun se tinkludi għażla ta' Kunsilliera, irid ikun iċċarat.

27. Jista' jinħass il-bżonn ukoll għal Laqgħa Ġenerali għall-Membri ta' Grupp wieħed jew iktar.

<u>Tibdil fl-Istatut</u>

28. Kull tibdil fl-Istatut irid ikun approvat b'maġġoranza sempliċi ta' dawk preżenti b'jedd għall-vot waqt Laqgħa Ġenerali. Ma hemmx għalfejn tkun Laqgħa Ġenerali Straordinarja, basta l-bidliet proposti jkunu għad-dispożizzjoni tal-Membri qabel.

<u>Xoljiment</u>

29. Biex l-Assoċjazzjoni tiġi xolta, il-Kunsill irid jgħaddi mozzjoni dwar dan b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Kunsilliera kurrenti. Trid tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja fi żmien xahar (li tkun imħabbra almenu f'gazzetta nazzjonali) u l-mozzjoni takkwista maġġoranza ta' żewġ terzi ta' dawk preżenti. Din l-istess Laqgħa trid taħtar Awditur kwalifikat biex jistudja l-kotba, jara għad-djun u wara jiddisponi (kif deċiż fl-istess Laqgħa) mill-assi li jista' jkun fadlilha l-Assoċjazzjoni.

<u>AnnexA</u>

B'riferenza għal **2ċ**, jista' jkun hemm tipi differenti ta' sħubija.

Bħalissa il-Membri jistgħu jkunu:

i) **Membri Sħaħ:** NGOs awtonomi bi statut u b'kumitat attiv u li għandhom ħidma regulari (u allura jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod sħiħ fl-Assoċjazzjoni - inklużi li jivvutaw fil-Laqgħat Ġenerali u li jinnominaw kandidati għall-Kunsill)

jew

ii) **Membri Assoċjati:** NGOs li jissodisfaw id-definizzjoni ta' 2a iżda mhux il-paragrafu ta' hawn fuq (2ċi) jew li jippreferu ma jkunux membri sħaħ. (Nota: anki jekk bla dritt li jivvutaw u jinnominaw, xorta jistgħu jipparteċipaw attivament fid-diskussjoni waqt Laqgħat Ġenerali; lanqas ma jitilfu d-dritt li -jekk jinbidlu ċ-ċirkustanzi- ikunu jistgħu fil-futur japplikaw għal sħubija sħiħa.)

Hu fil-kompitu tal-Kunsill li jiddeċiedi u jinterpreta d-dettalji tal-jeddijiet u l-kundizzjonijiet tas-sħubija, inklużi ħlasijiet. *Biex ikompli ma' dak li ħareġ mil-LĠA tat-12 ta' Jannar 2007, il-Kunsill ddeċieda fis-17 ta' Jannar 2007 li jissospendi l-possibilta' ta' Sħubija Assoċjata – b'hekk spiċċat kwalunkwe distinzjoni bejn l-NGOs membri.*

Approvat fil-LĠA (18 12 04)
u enendat permezz ta' deċiżjoni tal-LĠA tat-12 ta' Jannar 2007.

Dan l-Istatut jeżisti anki f'versjoni bl-Ingliż (li tista' tgħin f'każ ta' xi inċertezza).